



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
[...](2021) **XXX** draft

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-adattament tagħhom biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Protokoll tiegħu dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' XXX**

**li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-adattament tagħhom biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Protokoll tiegħu dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### **IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 108(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1588 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ġhal ċerti kategoriji ta' għajnuna mill-Istat orizzontali<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għajjnuna mill-Istat,

Billi:

- (1) L-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013<sup>2</sup> jistabbilixxu l-ammonti kumulattivi massimi ta' għajjnuna de minimis mogħtija lil kull Stat Membru lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali msemmija, rispettivament, fl-Artikolu 3(3) u fl-Artikolu 3(3a) ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014<sup>3</sup> jistabbilixxi l-ammonti kumulattivi massimi ta' għajjnuna *de minimis* mogħtija lil kull Stat Membru lill-impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura matul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali msemmija fl-Artikolu 3(3) ta' dak ir-Regolament.
- (3) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>4</sup> (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”) li l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (“il-Protokoll”) jifforma parti integrali minnu daħal fis-seħħħ fl-1 ta' Frar 2020.

<sup>1</sup> ĠU L 248, 24.9.2015, p. 1.

<sup>2</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9).

<sup>3</sup> Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ghajjnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

<sup>4</sup> ĠU C 384I, 12.11.2019.

- (4) L-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, u wara dan id-dritt tal-Unjoni ma jibqax applikabbli għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.
- (5) Madankollu, l-Artikolu 10 tal-Protokoll jipprevedi li ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni elenkti fl-Anness 5 ta' dak il-Protokoll għandhom japplikaw għar-Renju Unit fir-rigward ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ f'i prodotti agrikoli bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Unjoni
- (6) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 717/2014 huma elenkti fost dawk id-dispożizzjonijiet.
- (7) Sabiex tīgħi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ u l-Protokoll, jeħtieġ li l-ammonti kumulattivi massimi għar-Renju Unit kollu stabbiliti fl-Annessi tar-Regolamenti (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 717/2014 jiġu sostitwiti bl-ammonti korrispondenti għall-Irlanda ta' Fuq biss.
- (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, l-ammonti kumulattivi massimi għall-Irlanda ta' Fuq jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-istess metodu ta' kalkolu bħal dak li ntuża għall-Istati Membri fīż-żmien meta ġew stabbiliti dawk l-Annessi.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 717/2014 jiġu emendati skont dan,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

### *Artikolu 1*

#### *Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1408/2013*

Ir-Regolament (UE) Nru 1408/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘(b) għajnuna lill-aktivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri\*, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma’ kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ netwerk ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;

\* Billi f'konformità mal-Artikolu 10 u l-Anness 5 tal-Protokoll tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU C 384, I, 12.11.2019), ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-ħajnejha mill-Istat fir-rigward ta’ miżuri li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Irlanda ta’ Fuq u l-Unjoni jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit, kwalunkwe referenza għal Stat Membru f’dan ir-Regolament għandha tintiehem bħala referenza għal Stat Membru jew għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq’

- (2) fl-Anness I, ir-ringiela li tistabbilixxi l-ammont kumulattiv massimu ta’ għajnuna de minimis għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:  
‘Ir-Renju Unit u l-Irlanda ta’ Fuq 29 741 417’;
- (3) fl-Anness II, ir-ringiela li tistabbilixxi l-ammont kumulattiv massimu ta’ għajnuna de minimis għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:  
‘Ir-Renju Unit u l-Irlanda ta’ Fuq 35 689 700.’

## *Artikolu 2*

### *Emendi għar-Regolament (UE) Nru 717/2014*

Ir-Regolament (UE) Nru 717/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(b) għajnuna lill-attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri\*, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma' kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;

\* Billi f'konformità mal-Artikolu 10 u l-Anness 5 tal-Protokoll tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU C 384, I, 12.11.2019), ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-ġħajnuna mill-Istat fir-rigward ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Unjoni jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit, kwalunkwe referenza għal Stat Membru f'dan ir-Regolament għandha tintiehem bħala referenza għal Stat Membru jew għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq'

(2) Fl-Anness tar-Regolament (UE) 717/2014, ir-ringiela li tistabbilixxi l-ammont kumulattiv massimu ta' għajnuna de minimis għar-Renju Unit hija sostitwita b'dan li ġej:

‘Ir-Renju Unit fir-rgward tal-Irlanda ta’ Fuq                    2 956 390’.

## *Artikolu 3*

### *Dħul fis-seħħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
[...]  
Ursula VON DER LEYEN*